MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Numru. 630/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alfred Mallia]**

**vs**

**Noel Carabott**

Kumpilazzjoni Numru: 630/2007

**Illum 3 ta' April 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Carabott, ta' 40 sena, bin Charles u Elizabeth nee' Calleja, imwieled Attard, fil-24 ta' Dicembru, 1966, residenti "Robyan", Flat

4, Triq il-Mimosa, Pieta' u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru; 22867 (M).

Akkuzat talli fil-Belt Valletta fil-25 ta' Lulju, 2007 ghal habta tad-9:30am.

Waqt li kien mizmum f'cella fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta volontarjament ta n-nar lill-imsemmija cella meta huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta kien hemm xi persuna.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq diversi membri tal-korp tal-Pulizija, lkoll persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe' ikkaguna hsarat f'cella tal-Pulizija liema hsara tammonta ghall aktar minn Lm10 izda anqas minn Lm50 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat ukoll talli fil-Floriana fl-istess data ghall-habta tal-4:30am

Saq vettura tal-ghamla BMW 320 bin-numru ta' registrazzjonij JJG 910 b'giri aktar milli jmiss, bi traskuragni u b'manjiera perikoluza. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien skond il-ligi.

Talli naqas li jobdi l-ordnijiet leggitimi ta' PC 1168 Shaun Pawney, persuna nkarigata minn serviz pubbliku waqt li

kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel d-dmirijiet tieghu u izjed ma halliex jew b'mod iehor fixkel lill-pulizija milli jaghmel d-dmirijiet tieghu.

Kif ukoll sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali mahrug ai termini tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sa biex l-imputat jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputat biex jigi gudikat skond l-artikoli:

a) 235(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta;
d) 338(ee) u 7(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz ir-rapporti ta'l-esperti psikjatrici.

Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni jikkoncernaw incidenti li sehhew f'hinijiet differenti fil-25 ta' Lulju 2007.

Illi f'l-ewwel rapport l-esperti psikjatrici kkunsidraw li l-imputat ibati minn marda kronaka mentali li tidher li hija maniac depressive disorder li hija marda ta' genn f'termini ta' ligi specjalment meta l-pazjent ikun fil-fazi tal-mania; kkunsidraw ukoll li waqt l-allegat reat l-imputat kien fil-fatt ghaddej minn fazi ta' mania u kien maqtugh mir-realta u allura agixxa fuq livell psikotiku. Dan ifisser illi l-intendere

u volere ta'l-imputat kienu affetwati mill-istat ta' manija li kien fih.

Illi l-esperti wara dawn il-kunsiderazzjonijiet waslu ghal konkluzzjoni li l-imputat kien qed ibati minn mard ta' genn f'termini tal-ligi waqt l-allegat reat. L-esperti irrikkmandaw li l-imputat kellu jibqa' taht kura psikjatrika. Dan ir-rapport gie prezentat il-Qorti fil-5 ta' Frar 2008.

Illi fil-fatt l-imputat huwa rikoverat f'l-isptar Monte Carmeli u ilu hekk rikoverat mill-5 ta' Frar 2008 in forza ta' degriet ta' din il-Qorti mghoti ai termini ta'l-artikolu 402(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni rapport taghhom l-esperti psikjatrici waslu ghal konkluzzjoni li fid-data ta' dan ir-rapport, u wara li l-imputat kien ilu sena jiehu l-kura, ma kien juri l-ebda sinjal ta' psikozi u li s-sintomi tal-kundizzjoni tieghu kienu kontrollati. L-esperti rrakkmandaw ukoll li l-imputat jibqa taht kura psikjatrika kommunitarja u farmalogika fit-tul; huma kienu tal-fehma, tenut kont tal-kundizzjoni ta'l-imputat fid-data ta' dan it-tieni rapport, li rikoveru ulterjuri jista jkun ta' aktar hsara lill-imputat.

Illi l-konkluzzjoni li waslu ghaliha l-esperti psikjatrici hija cara u ma thalli l-edba dubbji u cioe li fil-25 ta' Lulju 2007 l-imputat ma kellux l-kapacita di intendere o volere.

Illi konsegwentement l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet lilu addebietati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minhom.

In oltre l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lis-Supretendent ta' l-Isptar Monte Carmeli a karigu tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------